# Id-Doni ta' l-Ispirtu s-Santu (3)



## L-Għaqal

Permezz tad-don ta' l-għaqal, l-Ispirtu l-Qaddis iwieġeb għat-talba tar-ruħ li bħal Sawlu fit-triq ta' Damasku ssaqsi: "X'għandi nagħmel, Mulej?" (Att 22,10).

Agħtina dan id-don, Mulej, biex nagħrfu nrazznu fina kull nuqqas ta' ħsieb. Permezz ta' l-għaqal, għinna biex ma nkunux pruzuntużi, biex ma ngħaġġlux fil-ġudizzji li nagħmlu. Dawwalna biex nagħrfu nagħtu pariri tajba, biex inkunu sodi fil-fehma li nagħmlu l-gid.

Ifthilna l-għajnejn ta' qalbna biex nilqgħu t-twissijiet tiegħek u nagħrfu naqraw is-sinjali taż-żminijiet. Bħal Tobija li laqa' l-pariri għaqlin ta' missieru Tobit, għinna biex nifthu widnejna beraħ għal kliemek: "Agħmel is-sewwa l-jiem kollha ta' ħajtek, u taqbadx it-triq tal-ħażen. Għaliex kull min jagħmel is-sewwa, ikollu r-risq f'għemilu" (Tob 4, 5-6).

L-għaqal igħallimna li għandna bzonn min imexxina fil-ħajja spiritwali tagħna. Agħmel li nagħru li "kull ħaġa tajb li tingħata u kull don perfett jigi mis-sema, jinzel mingħand il-Missier, l-għajn tad-dawl" (Gak 1,17). Permexx tad-don ta' l-għaqal, Missier Qaddis, l-Ispirtu tieghek iwassalna biex nieħdu deċiżjonijiet tajba u li nkunu prudenti fil-kliem u l-azzjonijiet tagħna.

Aħna u nilqgħu dan id-don, nitolbuk tgħinna nħaddmuh fil-ħajja u l-missjoni tagħna. Inkunu għalhekk lesti li ntennu: "Imbierek il-Mulej li tani l-fehma; imqar bil-lejl qalbi tagħallimni" (Salm 16,7), u "Skond il-ħsieb tiegħek [Mulej] tmexxini, imbagħad fis-sebħ tilqagħni" (Salm 73,24). Ma' Gob nistqarru: "Għandek, Mulej, hemm il-għerf u l-qawwa, tiegħek il-parir u tiegħek id-dehen" (ara Gob 12,13)

**Aqra u irrifletti:**

Silta mill-kteb l-Ispirtu s-Santu ta' San Bażilju l-Kbir
(Il-Lezzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Qari tat-Tlieta tas-Sebà Gimgħa tà l-Għid).
Silta mit-Trattat kontra l-Ereżiji ta' San Irinew
(Il-Lezzzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Qari ta' nhar Għid il-Ħamsin).
Fis-seżżjoni fuq l-1998 fl-Ittra Appostolika Tertio Millennio Adveniente, il-Vergni Marija hi deskritta bħala "l-mara dejjem imħejjija biex tisma' lehen l-Ispirtu, mara, tas-skiet, mara li tisma', mara ta' tama" (paragrafu 48: ara Bulletin ta' L-Arċidjoċesi, Randan-Għid 1995, numru 84, pagna 159).
"Qed nagħtik moħħ għaref u għaqli, hekk li ħadd qablek ma kien hawn bħalek, u anqas warajk ma jkun hawn" (1 Sl 3, 12).